



2025/1221

19.6.2025

REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1221

tas-16 ta' Ġunju 2025

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (²), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parżjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddivizzjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffe u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.
- (4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' 3 xħur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' 3 xħur mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament.

(¹) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Luju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2025.

*Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ċonvenzjoni
Direttorat Ċonvenzjoni u l-Unjoni*

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti (1)	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) (2)	Raġunijiet (3)
<p>Xarba alkoħolika ħamra skura bil-gass b'togħma u aroma ta' ribes iswed, li fiha 14,5 % alkoħol skont il-volum.</p> <p>Tiġi prodotta billi jitħallat likwidu alkoħoliku ma' likwidu mhux alkoħoliku bil-gass f'proporzjonijiet skont il-volum ta' madwar 76 % u 24 %, rispettivament.</p> <p>Il-likwidu alkoħoliku jsir billi jitħallat il-meraq tat-tuffieħ iffermentat mal-alkoħol etiliku rettifikat, mal-ġulepp tal-glukosju-fruttożju, mal-aċċidu ċitriku u mal-ilma. Għandu riħa u togħma alkoħolika qawwija u ma għandux ir-riħa u t-togħma ta' xarba ffermentata prodotta mill-meraq tat-tuffieħ. Il-likwidu mhux alkoħoliku bil-gass fih ilma, ġulepp tal-glukożju-fruttożju, diossidu tal-karbonju, aċċidu ċitriku, aromatizzant tar-ribes iswed, preservattivi, u koloranti (E122, E151).</p> <p>Il-komponent alkoħoliku ffermentat fil-prodott jammonta għal 54 % u l-alkoħol rettifikat jammonta għal 46 % tal-kontenut totali ta' alkoħol.</p> <p>Il-prodott finali għandu r-riħa u t-togħma tar-ribes iswed u huwa maħsub għall-konsum dirett. Jitqiegħed għall-bejgħ bl-imnut bħala xarba alkoħoliku b'togħma ta' ribes iswed fi fliexken tal-plastik ta' 0,5 l.</p>	2208 90 69	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 2208, 2208 90 u 2208 90 69.</p> <p>Il-likwidu alkoħoliku użat fil-prodott finali ma għandux it-togħma u r-riħa ta' xarba prodotta minn frotta jew prodott naturali partikolari, u għalhekk ma jżommx il-karattru ta' prodott li jaqa' fl-intestatura 2206. Għalhekk, il-prodott finali ma jistax jiġi kklassifikat bħala xarba ffermentata jew bħala taħlita ta' xarba ffermentata u xarba mhux alkoħolika taħt l-intestatura 2206 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata tal-intestatura 2206, it-tielet paragrafu, u n-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-intestatura 2206 00).</p> <p>Għaldaqstant il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2208 90 69 bħala xarba spirituża oħra fkontenituri li jesgħu 2 litri jew inqas.</p>